**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 3 ta' Lulju, 2019**

**Rikors nru: 198/13 AGV**

**AB**

**Vs**

**CB**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent pprezentat fit-8 ta' Marzu, 2019 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi dina l-Onorabbli Qorti qiedgha tigi mitluba tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi B.

2. Illi jirrizulta mill-provi migbura f'din il-kawza illi kontendenti ma ghexux flimkien ghall-perjodu ta' 'l fuq minn erba' snin u cioe' ghal aktar minn

erba’ snin matul dawn l-ahhar hames snin kif ipprospettat mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Illi inoltre ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti.

4. Illi t-tifla minuri tal-istess kontendenti, DB, qed tircievi l-manteniment adegwat, skond kif ordnat minn din l-Onorabbli Qorti fil-kors ta’ din il-kawza.

5. Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 jirrizultaw li huma soddisfatti.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett illi, a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 66F tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-istess Artikolu, tordna illi t-talba ghas-separazzjoni personali maghmula fil-kontro-talba tal-istess esponenti titqies minflok bhala talba ghall-pronunzjament tad-divorzju.

Rat ir-Risposta tal-intimat li eccepixxa:-

1. Illi l-esponenti tikkonferma illi l-partijiet fil-kawza de quo ilhom de facto separati ghal aktar minn erba’ snin matul dawn l-ahhar hames snin hekk kif rikjest fl-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Illi m’ghad fadal l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti.

3. Illi madanakollu r-rikorrenti ghad ghandu pendenzi ta’ manteniment senjatament spejjez ta’ sahha dovuti lill-esponenti mill-2012 ‘l quddiem.

4. Illi ghaldaqstant, l-esponenti qieghda topponi ghat-talbiet tar-rikorrenti.

   Rat il-verbal tad-9 ta’ Mejju, 2019 fejn gie ddikjarat li l-partjiet kienu ftehmu.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrent rnexxielu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi pprova illi l-partijiet ilhom isseparati *de facto* ghal aktar minn erba’ snin.

Illi m’hemmx arretrati ta’ manteniment.

Ir-rikorrent ukoll ipprova li ma hemmx cans ta’ rikonciljazzjoni u llum ighixu hajja separati minn xulxin.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ t-talbiet tar-rikorrent.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**